

Brussell, 16 ta' Awwissu 2021
(OR. en)

11275/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0272(NLE)

TRANS 502
COWEB 93
ELARG 45

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	13 ta' Awwissu 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 479 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2022

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 479 final.

Mehmuż: COM(2021) 479 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.8.2021
COM(2021) 479 final

2021/0272 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2022

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali stabbilit skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' deċiżjoni dwar il-baġit għall-2022 tal-Komunità tat-Trasport.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport

L-għan tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport huwa li tinholq Komunità tat-Trasport fil-qasam tat-trasport bit-triq, bil-ferrovija, bl-ilma navigabbli intern u marittimu, kif ukoll l-iżvilupp tan-network tat-trasport bejn l-Unjoni Ewropea u l-Partijiet tax-Xlokk tal-Ewropa. It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2019.

L-Unjoni Ewropea hija parti għat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport¹.

2.2. Il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali

Il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali huwa stabbilit permezz tal-Artikolu 24 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport. Huwa responsabbli mill-amministrazzjoni tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport u għall-iżgurar tal-implimentazzjoni xierqa tiegħu. Għal dan il-għan, jagħmel rakkomandazzjonijiet u jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet previsti fit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport. B'mod partikolari, il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali:

- (a) iħejji l-ħidma tal-Kunsill Ministerjali,
- (b) jiddeċiedi dwar it-twaqqif ta' kumitati tekniċi,
- (c) fir-rigward tal-atti tal-UE li jkunu għadhom kemm ġew adottati, jieħu azzjoni xierqa, b'mod partikolari permezz tar-reviżjoni tal-Anness I tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport,
- (d) jaħtar id-Direttur tas-Segretarjat Permanenti wara konsultazzjoni mal-Kunsill Ministerjali,
- (e) jista' jaħtar wieħed jew aktar mid-Deputati Diretturi tas-Segretarjat Permanenti,
- (f) jistabbilixxi r-regoli tas-Segretarjat Permanenti,
- (g) jista' jirrieżamina, permezz ta' deċiżjoni, il-livell tal-kontribuzzjonijiet baġitarji,
- (h) jadotta l-baġit annwali tal-Komunità tat-Trasport,
- (i) jadotta deċiżjoni li tispeċifika l-proċedura għall-implimentazzjoni tal-baġit, għall-preżentazzjoni u għall-awditjar tal-kontijiet kif ukoll għall-ispezzjoni,
- (j) jieħu deċiżjonijiet dwar it-tilwimiet imressqa mill-Partijiet Kontraenti,
- (k) jadotta prinċipji ġenerali fil-qasam tal-aċċess għad-dokumenti, fir-rigward ta' dokumenti miżmuma mill-korpi stabbiliti mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport jew skontu,

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937 tal-11 ta' Lulju 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 278, 27.10.2017, p. 1).

- (l) jadotta r-rapporti annwali għall-attenzjoni tal-Kunsill Ministerjali dwar l-implimentazzjoni tan-*Network Komprensiv*;
- (m) fir-rigward ta' ċerti atti tal-Unjoni, jistabbilixxi l-limiti ta' żmien u l-mezzi għat-traspożizzjoni mill-Partijiet tax-Xlokk tal-Ewropa.

Il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali huwa magħmul minn rappreżentant, u rappreżentant sostitut, ta' kull waħda mill-Partijiet Kontraenti. Il-parteċipazzjoni bħala osservaturi hija miftuħa għall-Istati Membri kollha tal-UE.

Il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali jaġixxi b'unanimità.

2.3. L-att previst tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali

Fl-2021, waqt l-aħħar laqgħa tiegħu, il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali jrid jadotta deċiżjoni fir-rigward tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2022 ("l-att previst").

L-għan tal-att previst huwa li jiddetermina l-baġit annwali tal-Komunità tat-Trasport għall-2022.

L-att previst se jsir vinkolanti fuq il-partijiet f'konformità mal-Artikolu 25(1) tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport, li jipprevedi: "Deċiżjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali għandha tkun vinkolanti fuq il-Partijiet Kontraenti. Kull meta deċiżjoni meħuda mill-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali fiha rekwiżit għal azzjoni li trid tittieħed minn Parti Kontraenti, l-imsemmija Parti għandha tieħu l-miżuri neċessarji u tinforma lill-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali bihom."

3. POŻIZZJONI LI GħANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-kontribuzzjoni għall-baġit tal-Komunità tat-Trasport hija stabbilita fl-Anness V tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport. Is-sehem tal-Unjoni jammonta għal 80 % tal-baġit, filwaqt li l-20 % li jifdal għandu jiġi pprovdut mill-partijiet tal-Balkani tal-Punent.

Għall-2021, il-baġit ammonta għal total ta' **EUR 3 000 miljuni**, li minnhom, **EUR 2 400 miljun** (80 %)² jiġu mill-UE u **EUR 0,6 miljun** mill-partijiet tal-Balkani tal-Punent.

Għall-2022, qed jiġi propost li l-baġit ikun ta' **EUR 3 002 miljun**. 80 % tal-krediti ġodda se jiġu mill-UE (**EUR 2 401 miljun**) u l-20 % l-oħra ta' krediti ġodda (**EUR 0,6 miljun**) mill-partijiet tal-Balkani tal-Punent.

Dan l-ammont se jkopri l-kostijiet operazzjonali tas-Segretarjat Permanenti u tal-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-korpi diversi tal-Komunità tat-Trasport. Iż-żieda proposta hija ġġustifikata mir-reklutaġġ li jmiss ta' persunal addizzjonali, mill-frekwenza oġhla ppjanata ta' laqgħat tal-kumitati tekniċi, mix-xiri meħtieġ ta' tagħmir u software tal-IT, u mill-ivvjaġġar aktar frekwenti ppjanat tad-Direttur u tal-uffiċjali tas-Segretarjat Permanenti. L-2022 hija mistennija li tkun it-tieni sena ta' attività normali tas-Segretarjat Permanenti, bil-persunal maniġerjali u mhux maniġerjali kollu, kif ukoll il-qafas amministrattiv ewlieni, fis-seħħ. Skont l-Anness I tal-Ftehim dwar il-Kwartieri Ġenerali bejn il-Komunità tat-Trasport u s-Serbja, li hija l-pajjiż ospitanti, is-Serbja, tipprovdni mingħajr h̄las l-uffiċċji tas-Segretarjat Permanenti u parti mit-tagħmir u s-servizzi relatati ma' dawn l-uffiċċji (l-għamara, is-sigurtà, l-elettriku, l-ilma u t-tindif).

² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-25.06.2020, C(2020) 4356

L-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni mill-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali hija meħtieġa għall-implimentazzjoni tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tat-Trasport u għall-funzjonament tas-Segretarjat Permanenti.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.*”

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw il-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma jkollhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li “*jistgħu jinfluwenzaw b’mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*”³.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali huwa korp stabbilit permezz ta’ trattat, jiġifieri t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tat-Trasport.

L-att li l-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att li jkollu effetti legali. F’konformità mal-Artikolu 35 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tat-Trasport, il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali għandu s-setgħa li jadotta l-baġit tal-Komunità tat-Trasport u din id-deċiżjoni hija vinkolanti fuq il-partijiet għat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tat-Trasport. Min-natura tagħhom, u bħala kwistjoni ta’ dritt internazzjonali li jirregola l-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali, dan l-att fih elementi li jaffettwaw il-pożizzjoni legali tal-partijiet għat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tat-Trasport u, għaldaqstant, anki tal-Unjoni. Għaldaqstant, irid jitqies li għandu effetti legali. L-att previst la jissupplimenta u lanqas jemenda l-qafas istituzzjonali tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tat-Trasport. Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun biss wieħed inċidentali, id-Deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik mitluba mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-att previst huwa meħtieġ għall-funzjonament xieraq tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tat-Trasport. Min-naħa l-oħra, it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tat-Trasport isegwi l-

³ Il-paragrafi 61 sa 64 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta’ Ottubru 2014 fil-Kawża C-399/12, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, ECLI:EU:C:2014:2258.

objettivi u għandu komponenti fl-oqsma tat-trasport bit-triq, bil-ferrovija u bl-ilmijiet navigabbli interni, li huma mezzi koperti mill-Artikolu 91 tat-TFUE, kif ukoll fil-qasam tat-trasport marittimu, li hu mezz kopert mill-Artikolu 100(2) tat-TFUE. Minħabba n-natura orizzontali tiegħu, l-att previst jirreferi għal dawn l-elementi kollha. Dawn l-elementi kollha huma marbuta b'mod inseparabbli mingħajr ma' wieħed ikun inċidentali għall-ieħor.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-Deċiżjoni proposta hija magħmula mid-dispożizzjonijiet li ġejjin: L-Artikoli 91 u 100(2) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni proposta tkun l-Artikoli 91 u 100(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

F'konformità mal-Artikolu 25(2) tat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità tat-Trasport, id-deċiżjonijiet tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-adozzjoni tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2022

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 91 u l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tat-Trasport ġie ffirmat mill-Unjoni f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937⁴. Fl-4 ta' Marzu 2019 huwa ġie approvat f'isem l-Unjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392⁵. Dan daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2019.
- (2) Skont l-Artikolu 35 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tat-Trasport, il-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport ("il-Kumitat tat-Tmexxija") għandu jadotta l-baġit tal-Komunità tat-Trasport kull sena. L-Artikolu 35 tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tat-Trasport jagħti s-setgħa wkoll lill-Kumitat tat-Tmexxija li jadotta deċiżjonijiet li jispeċifikaw il-proċedura għall-implimentazzjoni tal-baġit.
- (3) Il-Kumitat tat-Tmexxija għandu jadotta deċiżjoni dwar il-baġit tal-Komunità tat-Trasport għall-2022 waqt il-laqgħa tiegħu f'Diċembru 2021.
- (4) Il-baġit propost tal-Komunità tat-Trasport għall-2022 huwa meħtieġ għall-funzjonament xieraq tal-korpi tal-Komunità tat-Trasport. Dan ikopri l-kostijiet għar-riżorsi umani, l-ivvjaġġar, it-tagħmir u s-software tal-IT, kif ukoll il-kostijiet operazzjonali bħal l-istudji, l-assistenza teknika u l-organizzazzjoni ta' konferenzi u laqgħat.
- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tat-Tmexxija, peress li din id-deċiżjoni hija meħtieġa għall-funzjonament tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, u se jkollha effetti legali fir-rigward tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport fir-rigward tal-baġit tal-Komunità tat-Trasport għas-sena 2022

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937 tal-11 ta' Lulju 2017 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 278, 27.10.2017, p. 1).

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392 tal-4 ta' Marzu 2019 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tat-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità tat-Trasport.

għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-deċiżjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija Reġjonali meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President